MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 2/2000/1

Vodafone Malta Limited .

Vs

Par Excellence Ltd .

Il-Qorti ,

Rat l-avviż illi permezz tiegħu s-soċjeta' attrici talbet lis-soċjeta' konvenuta tħallas s-somma ta' mitejn u erbgħa u sittin liri Maltin u tmien ċenteżmi (Lm264.08) bilanċ ta' somma akbar rappreżentanti aċċess għall-użu ta' mobile telephone u "airtime" għall-istess użu, mogħti lilek mis-soċjeta attriċi għall-perjodu mid-9 ta' April 1998 sat-13 ta' Mejju 1999 .

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra bonarja u bl-imgħaxijiet legali .

Bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni .

Rat ir-riferta pożittiva tas-soċjeta' konvenuta illi ġġib id-data tat-2 ta' Mejju, 2005 .

Innutat illi s-soċjeta' attriċi ppreżentat il-kapitoli għas-subizzjoni tas-soċjeta' konvenuta fl-udjenza tat-13 ta' Mejju, 2005, peress li s-soċjeta' konvenuta naqset li tidher għal din l-udjenza .
Innutat illi fl-udjenza tal-lum ħadd ma deher għas-soċjeta' konvenuta, minkejja li l-istess soċjeta' konvenuta ġiet imsejħa tlett darbiet .

Għal hekk wara illi fetħet l-istess kapitoli, tiddikjarahom ammessi, u tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talba attriċi, u tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallasha s-somma ta' mitejn erbgħa u sittin lira u tmien ċenteżmi (Lm264.08c) bilanċ minn somma akbar rappreżentanti aċċess għall-użu ta' mobile telephone u "airtime" għall-istess użu, mogħti lis-soċjeta' konvenuta għall-perijodu mid-9 ta' April 1998 sat-13 ta' Mejju, 1999 .

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra bonarja mibgħuta lis-soċjeta' konvenuta u bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' dan l-avviż sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-istess soċjeta' konvenuta .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------